MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

It-Tnejn, 1 ta' Ottubru, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (8)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Baldacchino ippresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

53.1.1. Il-Viċi Sindku JB informa li s-Sindku JC u l-Kunsillier AC ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

53.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

53.2.1. II-Viċi Sindku JB ressaq il-minuti tat-tnejn u ħamsin (52) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

53.2.1.1. Il-Kunsilliera LAG ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

53.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.2.2 li tirrigwarda *Bollards fi Triq Għar Dalam* quddiem Triq iż-Żejtun li eventwalment taffettwa Triq il-Batterija u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li kellu jaħdem fuqa is-Sindku JC. Huwa kien infurmat li is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku iltaqgħu ukoll mal-Perit tal-Kunsill fejn ġew diskussi materji ta' *traffic management* u xogħlijiet oħra pendenti.

53.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.2.7 li tirrigwarda ċaqliq ta' *Zebra Crossings* u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta.

53.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.2.9 li tirrigwarda fond ta' *CSR* tal-*Freeport* u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa r-rimarka li sakemm ma jkollux il-lista, għalih il-Freeport għad għandu jagħti bejn €700,000 u €800,000 f'CSR. Huwa kien infurmat li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta għall-talba għal-laqgħa mal-Onorevoli Konrad Mizzi

53.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.4.17 li tirrigwarda l-iżvilupp f'tal-*Girgħien* u staqsa jekk hemmx pjan ta' toroq, għax huwa kien infurmat li l-Kunsill għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-informazzjoni li hemm fuq is-sit tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

53.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.4.18 li tirrigwarda is-servizzi għall-binjiet residenzjali żviluppati fiż-żona tal- *Girgħien*. Huwa rrimarka li skont korrispondenza riċevuta dwar il-każ, deher li ma kienx hemm pjanijiet għal tali servizzi sabiex jgħaddu minn taħt l-art, u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill iressaq talba għal dan.

53.2.6.1. Il-Kunsill qabel.

53.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.11.1 li tirrigwarda *road hump* fi Triq San Guzepp u staqsa jekk hemmx żviluppi

53.2.7.1. Huwa kien infurmat li saret l-applikazzjoni neċessarja.

53.2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.13.2 li tirrigwarda żieda ta' dawl tat-toroq f'Misraħ il-Knisja. Huwa informa li qed jikkonsulta mal-għaqdiet involuti fl-armar matul is-sena, dwar possibilitajiet fejn jista' jsir l-installazzjonijiet ta' bozoz.

53.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 52.16.5.2 li tirrigwarda l-kuntratt ta manutenzjoni ta' toroq ma' Polidano Group, u staqsa l-eżitu tal-każ

53.2.9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur aderixxa ma' dak mitlub ġurnata tard. Nelfrattemp, il-Kuntrattur niżel ukoll biex jagħmel ix-xogħol iżda twaqqaf milli jagħmel il-main tal-ilma mill-WSC wara li għamlu site inspection u rrealizzaw li ma kienx hemm bżonn. Madankollu fl-istess waqt xi persuni avviċinaw lill-Kunsill li talbu sabiex isir id-drenaġġ minħabba li għadhom bil-fossa, u għalhekk il-kuntrattur twaqqaf sabiex tiġi riżolta din il-materja. Il-WSC issa intalbu jivverifikaw it-talba u sussegwentament il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi kif ser jitkompla x-xogħol.

53.2.10. Il-Kunsilliera JBD għamel referenza għall-minuta 52.4.8 li tirrigwarda tpoġġija ta' ħwat ta' qsari fil-*prominade* tal-Qajjenza, u staqsiet għalxiex għadhom ma sarux. Hija kienet infurmata li s-Sindku JC kien qed jikkoordina x-xogħol.

53.2.11. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 52.4.9 li tirrigwarda ħadid fir-ramel tal-bajja tal-Qajjenza u staqsiet jekk kienx hemm żviluppi. Hija kienet infurmata li l-Kunsill ressaq l-ilment lill-MTA.

53.2.12. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 52.4.12 li tirrigwarda l-ex impjant tal-Enemalta, u staqsiet x'passi ħa l-Kunsill.

53.2.12.1. Hija kienet infurmata li saret it-talba għall-tindif lill-Enemalta, kif ukoll ġew imfakkra dwar il-possibilta' li dan l-ispazju jiġi wżat aħjar u possibilment jinfetaħ bħala spazju ta' parkeġġ.

53.2.13. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 52.14.1 li tirrigwarda l-attivita' ta' Jum Birżebbuġa u staqsiet jekk għall-edizzjonijiet li ġejjin, jistax ikun hemm programm ta' attivitajiet iktar varjat. Hija talbet ukoll spjegazzjoni ta' kif intgħażlu l-persuni li ħadu rikonoxximent.

53.2.13.1. Il-Viċi Sindku informa li l-programm jiġi determinat mill-Kunsill li jmiss, filwaqt li fir-rigward tal-għażla li saret mill-bord, kompost mis-Sindku JC, mis-Sur Joseph Debattista, u mis-Sur Raymond Camilleri, tali dettalji jintalbu lill-Bord.

53.2.14. Il-Kunsilliera JBD għamlet referenza għall-minuta 52.14.2 li titratta l-attivita' tar-Regatta f'Birżebbuġa u ferħet lil-klabb rebbieħ. Hija żiedet issaqsi ma' min saru l-laqgħat imsemmija u kif ġie konkluż il-programm

53.2.14.1. Il-Viċi Sindku informa li fir-rigward tal-laqgħat, il-mistoqsija trid issir lis-Sindku minħabba li huwa kien il-persuna li ħa ħsieb l-attivita'.

53.2.14.2. Il-Viċi Sindku żied jgħid li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet trid issir ħafna aħjar, u bi pjan konkret u mhux fl-aħħar minuta.

53.2.15. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-minuta 52.4.22 li titratta l-parkeġġ ta' Wied il-Buni, u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill irċeviex appuntament għal-laqgħa mal-Ministru Konrad Mizzi. Huwa fakkar li l-poplu ta' Birżebbuġa irid parkeġġ u mhux ġnien.

53.2.15.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv.

53.2.16. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għall-minuta 52.2.12 u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm risposta fuq il-*fencing*, mill-MTA.

53.2.16.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għad ma rċeviex risposta.

53.2.16.2. Il-Kunsill qabel li ġaladarba il-Kunsill m'għandux risposta, jinħareġ il-kont relevanti.

## 53.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

53.3.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq Ċirkolari AKL 2018/107 li titratta ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u ilma fil-Kunsill Lokali.

53.3.1.1. Wara diskussjoni libera dwar ir-riżorsi disponibbli, il-Kunsill ma qabilx li jipparteċipa.

53.3.2. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza riċevuta li titratta parteċipazzjoni fi Programm Televiżiv Wara Nofsinhar, li ser jinkludi kwiżż bejn il-Kunsilli Lokali.

53.3.2.1. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa, bil-kunsillieri jipproponu l-ismijiet ta' min jista' jipparteċipa sa nhar il-Ġimgħa 5 t'Ottubru 2018.

53.3.3. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza riċevuta li titratta assistenza fl-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Miżura 4 XLOKK Local Development Strategy "Development of Green Infrastructure".

53.3.3.1. Il-Kunsill approva li juża tali servizz għall-proġett tal-Kunsill li ser ikun inkorporat fil-bandli propost fil-ġnien f' Tal-Papa

53.3.4. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza fir-rigward tal-konferenza EGEA, fejn il-Kunsill ikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu permezz ta' proviżjoni ta' trasport. Il-Kunsill kien infurmat li minħabba xi kambjamenti żgħar fil-loġistika, il-Kunsill intalab jipparteċipa permezz t'akkomodazzjoni, bl-istess ammont.

53.3.4.1. Il-Kunsill qabel.

53.3.5. Il-Viċi Sindku JB ressaq korrispondenza mingħand żviluppatur, fejn talab *no-objection* tal-Kunsill sabiex joħloq bankina temporanja madwar l-iżvilupp li qed jagħmel, hekk kif mitlub mill-Building Regulations Office.

53.3.5.1. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal tali bankina, li għanda s-servi għall-iktar sigurta' għall-passeġġanti. Il-Kunsill issuġġerixxa wkoll sabiex isir ilqugħ matul ix-xogħlijiet sabiex materjal ta' kostruzzjoni ma jaqax fuq il-bankina b'periklu għan-nies.

53.3.5.2. Il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur għandu jikkonferma formalment li ma tmiem l-iżvilupp, ser ikun qed jagħmel tajjeb għall-bankina.

53.3.6. Il-Kunsill innota ittra riċevuta mill-*contracts manager* tal-Kunsill, li titratta tindif ta' Triq Żaren Dalli u Misraħ il-Knisja.

53.3.6.1. Il-Viċi Sindku ta spjegazzjoni ta' x'wassal għall-każ.

53.3.6.2. Il-Kunsill qabel unanimament dwar il-bżonn li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jinbidlilhom l-irwol, jagħmlu xogħol varju, issir enfasi fuq il-manutenzjoni, u tindif irid isir mill-Kuntrattur, u meta dan ma jsirx, jinħarġu l-avviżi u jsir it-tnaqqis, kif diġà isir.

53.3.6.3. Il-Kunsill qabel li din il-materja tkompli tiġi diskussa f'materja 14 tal-Aġenda tal-laqgħa.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.4.1. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lil-Viċi Sindku JB dwar skart tal-ħwienet fi Triq San Patrizju, partikolarment ta' l-istabbillment li fetaħ riċentement.

53.4.1.1. Il-Viċi Sindku informa li sid l-istabbillment ġie avviċinat.

53.4.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lill-Viċi Sindku JB jekk l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku infurmatx lill-Kunsill dwar ċaqliq tal-*istage* tal-82 ta' Raħal Ġdid, fejn issa sar fil-pjazza, kif ukoll dwar bdil fil-ħin tar-rotta 85.

53.4.2.1. Il-Viċi Sindku JB qal li ser issir verifika dwar dan ma' l-Awtorita' kompetenti.

53.4.3. Il-Kunsilliera LAG staqsiet lill-Viċi Sindku JB dwar il-possibbiltà li jsir bħas-sena l-oħra u l-Kunsill jagħti premju waqt Jum il-Premjazzjoni tal-iskola primarja, lill-istudenti li jkunu urew l-iktar sforz.

53.4.3.1. Il-Kunsill qabel.

53.4.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għat-tindif tal-isqaq rurali li jagħti għal-fejn il-Madonna ta' Lourdes, u staqsa lill-Viċi Sindku meta ser jitnaddaf.

53.4.4.1. Il-Kunsill qabel li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom inaddfu dan il-passaġġ b'mod immedjat, dik il-ġimgħa.

53.4.5. Il-Kunsillier SZ staqsa lill-Viċi Sindku JB fhiex wasal il-proċess ta tranġar tad-dwal taż-*zebra* crossing ta' Misraħ il-Knisja.

53.4.5.1. Il-Viċi Sindku JB informa li dawn għandhom ikunu lesti sa l-aħħar tal-ġimgħa.

53.4.6. Il-Kunsillier SZ staqsa lill-Viċi Sindku JB jekk kienx hemm żviluppi dwar il-proġetti ta' *Traffic Management* proposti mill-Kunsill.

53.4.6.1. Huwa kien infurmat li saret laqgħa mal-perit dwar dawn il-pendenzi, flimkien ma' affarijiet oħra.

53.4.7. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar xogħlijiet pendenti mill-Kuntrattur tal-Kunsill. Huwa r-rimarka li ma jistax ikun li l-Kunsill ma jistax jaħdem xogħlijiet għax ma nsibux min jaħdem.

53.4.7.1. Huwa kien infurmat li ma kienx hemm żviluppi.

53.4.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' residenzi privati f'nofs Triq il-Port Ħieles. Huwa qal li l-Kunsill għandu jkollu pjanti tat-toroq kif ġejjin, kif ukoll tal-By-pass.

53.4.8.1. Il-Kunsill qabel.

53.4.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għax-xogħol li sar fi Triq tal-Ġebel, u talab li jsir *traffic calming measures*, kif ukoll jinżebħu linji bojod fit-tarf tat-triq għall-persuni li jgħaddu minn din it-triq bil-pass.

53.4.9.1. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Transport Malta.

53.4.10. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar l-użu tas-swali tal-iskola, u l-ħlas li l-Kunsill jagħmel għall-użu.

53.4.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill iħallas għas-servizz tal-*handyman* bejn l-ewwel użu u l-aħħar użu tal-kmamar (tal-ħin), irrelevanti kemm il-kamra tintuża, imma dan sakemm sakemm ikun hemm qbil mas-surmast. Huwa żied jinforma li l-Kunsill ma jħallasx tal-kmamar u l-użu tal-apparat, biss jaħdem id f'id mal-iskola f'affarijiet oħra.

53.4.11. Il-Kunsilliera LAG għamlet referenza għax-xogħlijiet li mistennija jibdew dalwaqt f'Birżebbuġa relatati mas-sistema tad-drenaġġ, u saħqet dwar l-importanza li l-Kunsill ikun infurmat qabel x'ser jiġri, partikularment fi *traffic management*. Hija saħqet dwar l-importanza li Triq Birżebbuġa ma għanda qatt tiġi direzzjoni waħda waqt ix-xogħlijiet.

53.4.12. Il-Kunsilliera LAG għamlet referenza għall-ġemellaġġ mal-belt ta' Pingtan, u staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi.

53.4.12.1. Hija kienet infurmata li permezz tas-Sur Juheng Chen (*Chief Friendship Exchange Representative ta' Pingtan Comprehensive Pilot Zone)*, l-amministrazzjoni tal-lokalita' kienet infurmata dwar l-approvazzjoni tal-ġemellaġġ. Il-Kunsill issa qed jistenna l-eżitu mingħand l-amministrazzjoni ta' Pingtan.

53.4.12.2. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li jekk issir ċerimonja tal-Ġemellaġġ iċ-Ċina, għaliha għandu jattendi l-Kunsill kollu, inkella ma' jattendi ħadd.

## 53.5 Rapporti;

53.5.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq abbozz ta' regoli dwar l-użu tal-ispazju pubbliku f'Dawret Qalb Imqaddsa, quddiem il-*winch room*, in linea mal-Bye law tal-Kunsill 363.203 (Karrijiet u Oġġetti oħra ta' Ingombru fil-Lokalita' ta' Birżebbuġa).

53.5.1.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel fil-prinċipju, suġġett għal konformita' mal-bye-law. Il-Kunsill qabel li l-punti jiġu diskussi mal-Għaqda tas-Sajjieda, u jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

53.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

53.7.1. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 09/18 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

53.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsilliera LAG , ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur *nem con*.

53.7.2. Il-Viċi Sindku JB ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Awwissu 2018 bir-riferenza 08/2018 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

53.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 53.8 Mozzjonijiet;

53.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 53.9 Apparat tal-Playing Field ta' San Ġorġ;

53.9.1. Il-Kunsill iddiskuta l-apparat tal-bandli li hemm bżonn jinxtara għall-Ġnien ta' San Ġorġ.

53.9.2. Il-Kunsill qabel li s–Segretarju Eżekuttiv jipproponi ftit mudelli bi prezzijiet, u l-membri tal-Kunsill jiddeterminaw l-għażla finali.

**NB 7.23 pm: L-Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ talbet li tkun skużata.**

## 53.10 Traffiku u Parkeġġ;

53.10.1. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar is-sistema ta' *Residential Parking* kif ukoll *Timed Parking.*

53.10.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li terga' titressaq talba lil Transport Malta.

53.10.2. Il-Kunsill innota talba riċevuta għal-linji ta' parkeġġ fi Triq il-Folklor.

53.10.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel.

53.10.3. Il-Kunsill innota talba riċevuta għal-linji ta' parkeġġ fi Triq Mikiel Abela

53.10.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel.

## 53.11 Applikazzjoni ta' Żvilupp;

53.11.1. Il-Kunsill innota DPAR *report* ta' applikazzjoni PA 3123/18, Site at Hal Far Civic Amenity Site.

53.11.1.1. Il-Kunsill qabel li għandhom jibqgħu l-istess sottomissjonijiet, u li l-Contracts Manager għandu jsegwi dan il-każ.

## 53.12 Street Lighting;

53.12.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 53.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

53.13.1. Il-Kunsill tkellem dwar il-kunċert li jiġi organizzat mill-Kunsill fi żmien il-Milied.

53.13.1.1. Wara diskussjoni libera l-Kunsill qabel li jorganizza attivita' fit-23 ta' Diċembru.

53.13.1.2. Il-Kunsill qabel li jkun hemm kumitat organizzattiv magħmul mill-Viċi Sindku JB, il-Kunsillier AC, u l-Kunsillier SZ.

## 53.14 Offerti Pubbliċi;

53.14.1. Is-Sindku ressaq ir-rapport li sar mill-Bord tal-evalwazzjoni tal-Offerta għall-Servizz ta' Trasport għall-Anzjani b'Emissjonijiet Baxxi, mid-Day Centre bir-riferenza BLC/T/8/2018.

53.14.1.1. Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipproċedi bil-kuntratt.

53.14.2. Il-Viċi Sindku JB ressaq ir-rapport li sar mill-Bord tal-evalwazzjoni tal-Offerta għall-Offerta ta' Xiri ta' Vettura Ġdida b'emissjonijiet baxxi, bir-riferenza BLC/T/9/2018

53.14.2.1. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jipproċedi bix-xiri u r-reġistrazzjoni tal-vettura.

53.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa, li kif mitlub mid-Dipartiment, abbozza l-offerta tal-Konċessjoni tal-Ġbir ta' Skart Riċiklabbli, liema konnessjoni ġiet mibgħuta lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni.

53.14.4. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar l-offerta taż-żamma tal-latrini. Huwa informa li l-offerta l-ġdida tagħlaq il-Ġimgħa 5 t'Ottubru. Il-Kunsill qabel li jkompli jopera l-latrina billi juża s-servizz tas-Sur Fenech.

53.14.5. Il-Viċi Sindku tkellem dwar is-servizz ta' knis u tindif ta' toroq, u innota li dan mhux qed ikun ta' livell kif mixtieq.

53.14.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li tiġi implimentata sistema ta' *gps tracking*, hekk kif jipprovdi l-kuntratt tas-servizz, u b'hekk isir moniteraġġ aħjar, u jkunu jistgħu jiġu identifikati nuqqasijiet.

53.14.6. Il-Viċi Sindku JB tkellem dwar l-offerta ta’ ġbir ta’ skart domestiku. Il-Kunsill qabel li jiltaqa’ l-bord ġenerali tal-evalwazzjoni tal-offerti, u jwettaq l-evalwazzjoni.

53.14.7. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar l-offerta ta’ dwal tal-Bajja s-Sabiħa. Huwa nforma li qed jiddiskuti mal-Inġinier dwar din l-offerta. Huwa nforma li l-inġinier għandu jlesti rapport, skont il-prijorità’.

## 53.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.15.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn l-5 ta’ Novembru, 2018 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 5 ta’ Novembru, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |